MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2010

Numru. 724/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Fabian Fleri]**

**vs**

**Ryan Camenzuli u Mark Bongailas**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Ryan Camenzuli detentur tal-karta tal-identita` numru 130885(M) u Mark Bongailas detentur tal-karta tal-identita` numru 5090(M).

Akkuzati talli:

1. Talli fis-6 ta’ Frar 2009, f’xi hin matul il-perijodu ta’ bejn is-01:00 hrs u it-03.00 hrs, ikkommettew serq ta’ diversi oggetti minn mahzen bla isem jew numru li jinsab gewwa Triq Santa Liena, Bormla, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-2,329.40 Euro, bil-mezz u bil-hin ghad-dannu ta’ Ruth u Joseph Galea; u

2. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` ghamlu hsara fil-bieb tal-imsemmija residenza, liema hsarat huma ta’ aktar minn 116.47 Euros (hamsin Lira Maltija) ghad-dannu ta’ Ruth u Joseph Galea.

Rat l-ezamijiet tal-imputati fejn wiegbu li huma hatja ghall-akkuzi kif dedotti kontrihom, u kkonfermaw tali ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom iz-zmien opportun sabiex ikun jistghu jirregolaw ruhhom;

Rat il-fedini penali tal-imputati li filwaqt li ta’ Mark Bongailas hija netta, dik ta’ Ryan Camenzuli mhijiex, pero` mhijiex daqshekk gravi li ghandha tipprejokkupa lill-Qorti.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 263, 267, 270 u 278 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tikkundannahom ghal sentejn prigunerija sospizi ghal tlieta b’dan illi f’dan il-perijodu l-imputati ghandhom ikunu taht ordni ta’ supervizjoni, b’dan illi ghandu jitqabbad probation officer li ghandu jirrapporta lil din il-Qorti kull xahrejn fuq l-andament tal-imputati u jghinhom biex jattendu ghal programm sabiex jeghlbu l-vizzju tad-droga.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-ordni ta’ supervizjoni tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------